



Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali

Brussell, 4 ta' Diċembru 2020

CM 5194/20

CODEC
GAF
FIN
PROCED

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt:	javier.gomez-de-aguero-lopez@consilium.europa.eu codecision.adoption@consilium.europa.eu
Tel./Fax:	+32.2.281.72.02
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-effettività tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (2018/0170 COD) – Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill – Eżitu tal-proċedura bil-miktub li nbdiel bid-dokument CM 5070/20

Id-delegazzjonijiet huma informati li l-proċedura bil-miktub, li nfetħet bid-dokument CM 5070/20 tat-Tnejn, 30 ta' Novembru 2020 tlestiet il-Ġimgħa, 4 ta' Diċembru 2020 u li d-delegazzjonijiet kollha vvutaw favur, ħlief għall-Awstrija, l-Estonja, il-Lussemburgu u n-Netherlands li astjenew, l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-effettività tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, kif jinsab fid-dokument 10008/20 + COR 1 (de) u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill kif tinsab fl-ADD 1 ta' dak id-dokument.

Il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa ntlaħqet. Għaldaqstant, il-pożizzjoni ta' hawn fuq tal-Kunsill fl-ewwel qari u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill huma adottati.

Id-dikjarazzjoni mill-Italja hija riprodotta fl-Anness għal dan is-CM u ser tiġi inkluża fis-sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub bħala dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill, f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

DIKJARAZZJONI TAL-ITALJA

L-Italja tikkonferma l-importanza tal-akkwist u l-użu tad-data mir-reġistri u t-tranżazzjonijiet bankarji mill-istadji inizjali tal-investigazzjoni amministrattiva, fost l-oħrajn sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

Fid-dawl ta' dan, l-Italja tikkunsidra li huwa meħtieġ li l-aċċess għad-data bankarja fil-qafas tal-investigazzjonijiet amministrattivi mwettqa mill-OLAF jiġi effettwat permezz tal-assistenza u l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-istess kapacià amministrattiva u għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 325 TFUE.

Sabiex tiġi żgurata effettività akbar u uniformi tal-investigazzjonijiet amministrattivi kontra l-frodi, l-Italja tittama li l-akkwist tad-data bankarja b'mezzi amministrattivi jsir aktar possibbli fil-prattika madwar it-territorju tal-Unjoni Ewropea, bħalma diġà huwa l-każ fl-Italja.
